7 ta' Diċembru, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Carmelo Grech versus* **P.L. Joseph Busuttil** *ne.*

**Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Provi — Art. 743 (b) u (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fil-każ li persuna ħalliet dawn il-Gżejjer u tinsab imsiefra meta ssir iċ-ċitazzjoni kontra tagħha, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk dik il-persuna għadx għandha d-domiċilju tagħha f'dawn il-Gżejjer, sa-*

*biex jiġi stabbilit jekk il-Qrati Tagħna għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża proposta kontra tagħha b'dik iċ-ċitazzjoni.*

*It-tibdil tad-domiċilju għandu jiġi pruvat minn min jinvokah; u jista' jirriżulta sew minn provi diretti kemm minn konġetturi, purkè preċiżi u konkludenti. Mhux biżżejjed it-tibdil tar-residenza, iżda hija meħtieġa wkoll il-volontà u l-intenzjoni li jiġi abbandunat id-domiċilju ta' l-oriġini biex jiġi assunt domiċilju f'pajjiż ieħor; b'mod li lanqas l-emigrant ma jitlef il-domiċilju tiegħu, jekk huwa jżomm il-ħsieb li jerġa' jirritorna f'pajjiżu.*

*Min jikseb domiċilju ieħor f'lok dak ta' l-oriġini jitlef id-domiċilju ta' l-oriġini; għaliex żewġ domiċilji ċivili differenti għall-istess persuna ma jistax ikun hemm.*

*Għaldaqstant, fil-każ li jirriżulta li l-konvenut abbanduna jew tilef id-domiċilju ta' l-oriġini, il-Qrati tagħna ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża li ssir kontra tiegħu, jekk huwa ma jkollux beni hawn Malta li fuqhom is-sentenza eventwalment ottenuta kontra tiegħu tkun tista' tiġi eżegwita.*

*U biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni fuq il-motiv li s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer, jeħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza li s-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita b'manjera reali u konkreta, u mhux eventwali u ipotetika; b'mod li lanqas il-fatt li s-sentenza tkun tista' tiġi inskritta fir-Reġistru Pubbliku ma huwa biżżejjed biex jirradika l-ġurisdizzjoni. U dik iċ-ċertezza trid tkun teżisti fil-mument meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, peress li hu kien tgħarras ma' Mary Busuttil bil-ħsieb li jiżżewwiġha; u peress li in kontemplazzjoni ta' dan iż-żwieġ kien taha diversi oġġetti, kif aħjar elenkati fl-annessa lista markata dok. "A", u ħalla għandha in depożitu somma ta' flus; u peress li, minħabba raġuni jiet validi fil-liġi, indipendenti mill-attur, l-istess attur kien kostrett li jitermina l-imsemmija għerusija, kif jiġi aħjar pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u peress li għalhekk iż-żwieġ in kwistjoni ma jistax jiġi ċelebrat; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur l-oġġetti kollha li huwa kien taha u l-flus li

ħalla in *depożitu* ma' l-imsiefra Mary Busuttil in kontemplazzjoni taż-żwieġ, kif intqal fuq, fi żmien qasir u perentorju li *jiġi* stabbilit mill-Qorti; u in difett, jiġi kundannat iħallsu l-valur ta' l-istess oġġetti, liema valur jiġi, okkorrendo, fissat *minn din* l-istess Qorti per mezz ta' periti nominandi. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Mejju 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 1953, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' difett ta' *ġurisdizzjoni*, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, barra d-dritt tar-Reġistru li baqa' għall-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat, dwar *in-nuqqas* ta' ġurisdizzjoni eċċepit mill-konvenut nomine;

Illi dina l-eċċezzjoni tinsab bażata fuq żewġ motivi; li l-konvenuta, meta saret il-kawża, ma kellhiex id-domiċilju tagħha f'dawn il-Gżejjer; u t-tieni li s-sentenza eventwali ma tkunx tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer (art. 742 (b) u (g) Proċedura Ċivili);

Illi rigward l-ewwel motiv, mhux kontestat li l-konvenuta Mary Busuttil mit-twelid hija suddita tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u għalhekk normalment hija kienet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Iżda, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, l-imsemmija Busuttil kienet ilha li siefret mit-2 ta' Awissu 1952. Għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk hija għadx għandha d-domiċilju tagħha f'dawn il-Gżejjer, għaliex dana d-*domiċilju* jibqa' sakemm hija ma tkunx tilfitu u tkun iffissat dak id-domiċilju f'pajjiż ieħor;

Illi dana t-tibdil ta' domiċilju għandu jiġi pruvat minn min jinvokah, u jista' jirriżulta sew minn provi diretti kemm minn konġetturi, purkè preċiżi u konkludenti. "Il cambiamento del domicilio", qalet dina l-Qorti fil-kawża "Achille D'Agata vs. Marchesa Luisa Drago", deċiża fis-16 ta' Ġunju 1884 (Kollez. X, 517), "deve risultare o da una espressa dichiarazione di animo di una persona di voler abbandonare il suo domicilio di origine ed abbracciare un altro, o, in difetto, dalla *concorrenza* di fatti tali da manifestare la sua volontà di effettuare tale cambiamento". Mhux biżżejjed it-tibdil *tar-residenza*, iżda hija meħtieġa wkoll il-volontà u l-intenzjo-

ni li jkun abbandunat id-domiċilju oriġinali biex jiġi assunt domiċilju f'pajjiż ieħor. Kien għalhekk li, skond il-ġurisprudenza, il-fatt li wieħed jemigra biex isib ix-xogħol mhux biżżejjed biex jintilef id-domiċilju tiegħu ta' l-oriġini, għaliex l-emigrant, bħala regola, iżomm il-ħsieb li jerġa' jirritorna ġo pajjiżu (Kollez. XXIX—I—759 u XXXI—I—71). Dina l-prova ta' l-abbandun tad-domiċilju hija wkoll neċessarja peress li, skond id-dottrina l-aktar akkreditata, kif ukoll skond il-ġurisprudenza, jista' jingħata aktar minn domiċilju wieħed;

Illi l-konvenut f'dan ir-rigward ressaq diversi provi. Huwa ddimostra li Mary Busuttil, ma' ħutha Ludgarda u Concetta, kienet esplċitament sqarret li hija kienet sejra l-Amerika, mhux biex tipprova tibqa' hemm, iżda biex tibqa' hemm għal dejjem;

Illi, barra dina l-prova diretta, il-konvenut iddimostra diversi ċirkustanzi li jikkonfortaw l-esplċita dikjarazzjoni fuq riferita u jkomplu jsaħħu l-intenzjoni ta' Mary Busuttil li tbiddel id-domiċilju Malti; u fosthom il-prinċipali huma dawn li sejrin jissemmew:

***Omissis;***

Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut irnexxielu jipprova t-tibdil tad-domiċilju ta' Mary Busuttil. Xejn ma jiswa li fis-27 ta' Mejju 1952 l-attur interpella uffiċjalment lill-istess Busuttil biex troddlu l-oġġetti li jiffurmaw il-meritu ta' dina l-kawża; għaliex sempliċi ittra uffiċjali, jekk mhix biżżejjed biex tirradika l-kompetenza bejn id-diversi Qrati f'dawn il-Gżejjer, wisq anqas hija biżżejjed biex tirradika fihom il-ġurisdizzjoni. Del restò, hija unanimi l-ġurisprudenza tagħna li f'dina l-materja wieħed għandu jħares lejn il-mument li fih tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, għaliex dak hu l-mument li fih il-Qorti tiġi msejħa tesplika l-ministeru tagħha (Kollez. Vol. XXVI, Parte I, sezione II, pag. 37). Issa, ir-riżulta li Mary Busuttil uriet l-intenzjoni li tabbanduna d-domiċilju tagħha ta' l-oriġini, u esprimietha anki bil-kliem sa minn qabel ma siefret, i.e. fit-2 ta' Awissu 1952; u għalhekk, meta fil-25 ta' Ottubru susseġwenti saret din il-kawża, id-domiċilju tagħha kien f'pajjiż ieħor, l-Amerika;

Illi għalhekk lanqas ma jista' l-attur jippretendi li l-kon-

venuta għandha żewġ domiċilji, ladarba, kif irriżulta, hija abbandunat id-domiċilju Malti;

Illi, taħt dawna ċ-ċirkustanzi, fil-fehma tal-Qorti l-ewwel motiv a bażi tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, huwa sostnut;

Illi l-konvenut jinvoka wkoll favur tiegħu l-paragrafu (g) ta' l-art. 743 (Proċedura Ċivili), peress li, għad li si tratta ta' obligazzjoni lejn l-attur sudditu britanniku, is-sentenza eventwali kontra Mary Busuttil ma tistax tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Illi l-eżegwibilità ta' sentenza għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni ġiet interpretata fis-sens li mhix biżżejjed, biex tirradika l-istess ġurisdizzjoni, "una speranza di esecuzione futura, ma s'impone la necessità di accertarsi sul principio della lite se, nell'assenza dell'individuo azionato, vi sono beni nell'Isola sopra i quali possa essere eseguito il giudicato" (Kollez. XVI—III—1). Jeħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza li s-sentenza tista' tiġi eżegwita, għaliex il-ġurisdizzjoni hija ta' ordni publiku, u l-eżegwibilità tagħha tikkostitwixxi l-element indispensabili u l-bażi ta' l-istess ġurisdizzjoni (Kollez. XXVI, Parte I, sezione II, paġ. 37). Verr li l-liġi ma ssemmix il-proprjetà, iżda ssemmi biss il-possibilità ta' eżekuzzjoni; iżda hemm bżonn jirriżulta li dina l-eżekuzzjoni tista' ssir b'manjera reali u konkreta, u mhux eventwali u ipotetika. Għalhekk bir-raġun il-Qrati Tagħna rritenew eżegwibili f'dawn il-Gżejjer is-sentenza ta' paternità illeġittima; għaliex hija, fost ħwejjeġ oħra, anzi prinċipalment, intiża biex issir l-annotazzjoni relativa fl-att tat-twelid;

Illi, però, fil-fehma tal-Qorti, is-sentenza f'din il-kawża, anki jekk favorevoli għall-attur, ma tistax ikollha f'dawn il-Gżejjer l-eżekuzzjoni li trid il-liġi; mhux l-ewwel domanda, għaliex ma ġiex pruvat li ebda wieħed mill-oġġetti reklamati jinsab Malta; mhux it-tieni domanda, għaliex il-konvenuta ma tippossjedi xejn f'dawn il-Gżejjer. Lanqas jista' jingħad li s-sentenza jista' jkollha eżekuzzjoni anki sempliċement per mezz ta' l-inskrizzjoni ta' l-ipoteka fir-Reġistru Publiku, għaliex għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni dina tibqa' dejjem mera

speranza ta' eżekuzzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha dana appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 1953;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur, li biha dan talab ir-revoka tas-sentenza minnu appellata, fuq imsemmija, u talab li jiġi deċiż li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża, u li l-kawża tiġi rinvijata lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi trattata u deċiża; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta soddisfaċentement li l-konvenuta, rappreżentata mill-P.L. Joseph Busuttil, abbandunat id-domiċilju tagħha ta' l-oriġini, billi emigrat u marret toqgħod l-Amerika; fejn infatti f'Settembru li għadda żżewġet ma' Saviour Chetcuti. Meta telqet minn Malta kellha l-ħsieb, u wriet il-ħsieb, li titlaq għal kollox, għax qalitu, u għax għamlet id-dikjarazzjoni lill-Konslu ta' l-Istati Uniti li soltu ssir mill-emigranti, u li fiha soltu jiġi dikjarat u maħluf li dak li jkun ikun irid jistabbilixxi ruħu fl-Amerika permanentement, kif huwa notorju li huwa meħtieġ għall-emigrazzjoni għall-Istati Uniti ta' l-Amerika. Infatti ħadet ħwejjiġha magħha. Il-lum huwa ċar li dik il-konvenuta, sew bl-intenzjoni kemm bil-fatt tar-residenza permanenti, kisbet domiċilju tal-għażla f'lok dak ta' l-oriġini, li għalhekk intilef, għax żewġ domiċilji ċivili differenti għall-istess persuna ma jistax ikun hemm;

Mill-banda l-oħra, ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-konvenuta tippossjedi xi ħaġa hawn Malta, u li fuqha tista' tiġi eżegwita s-sentenza. Biċċa mill-oġġetti pretiżi mill-appellant kienu ġew imħollija għad-dispożizzjoni ta' l-appellant bħala proprjetà inkontestata, u kien l-appellant li ma ħax ħsieb jiġborhom minn għand min kien id-depożitarju tagħhom, u l-lum jinsabu depożitati u jistgħu jiġu ritirati liberament mill-appellant. L-oġġetti l-oħra pretiżi mill-appellant ma jirriżultawx li jinsabu f'Malta, jew li għadhom jeżistu. Għaldaqstant is-sentenza ma tistax tiġi eżegwita fil-każ ta' deċiżjoni favur l-appellant; u dana l-fatt ikompli jneħħi l-ġu-

risdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.